Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2013

Numru. 8/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR DARYL BORG**

**VS**

**CARL GRIMA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carl Grima, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 159981 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar l-4 ta` Dicembru 2012 u fix-xhur ta` qabel gewwa Juno, Bieb C, Appartament Numru 1, Triq Juno, Pembroke:

1. Ikkommetta serq ta` gojjellerija liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-deteriment ta` Sandra Vella minn Pembroke u/jew persuni ohra.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u l-provi kollha prodotti;

Wara li rat l-Artikolu 261 (c) (d) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat**:

Fuq ammissjoni din il-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2) ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta` Malta.

Din il-Qorti tordna lill-imputat ihallas is-somma hekk likwidata ta` tlett elef seba` mija u disghin ewro (€3,790) lill-*parte civile* fi zmien sitt (6) xhur millum ai terminu tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------